Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 67 / 2019

Il-Pulizija

(Spettur Anemarie Xuereb)

vs

**David Paris**

Illum, 3 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Paris, iben Emanuel u Frances nee Petroni, imwieled l-Furjana', fl-4 ta' Awwissu, 1957, detentur tal-karta tal-identita' numru 547157(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f' dawn il-gzejjer, fix-xahar ta April 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk f'hinijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta' l-art. 18, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Bil-hsieb li jwettaq frodi b'ghemiel qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tar-reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi, fejn b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux akatar minn hamest elef euro (€5,000) danni liema reat ma sehx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.
2. U aktar talli ghamel, ghadda, ipprovda jew offra li jipprovdi xi oggett meta kien jaf li dak l-oggett huwa intiz jew adattat biex jintuza fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma frodi, jew bl-intensjoni li jintuza biex jitwettaq frodi jew jassisti fl-ghemil ta' frodi.
3. U aktar talli ikkometta reat/delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li sar matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta) datata 26 ta Jannar 2015;
4. U aktar talli sar recediv ai termini ta l-artikoli 49 u 50 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghx jigu mibdula.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-18 ta' Frar, 2019 fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni u illiberatu mit-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal Att dwar il-Probabtion, kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell prezentat fir-registru ta din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Marzu 2019 u dan peress li hass ruhu aggravat mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ghalhekk interpona diversi aggravji.

Illi b'mod preliminari kif intqal l-appellant gie akkuzat li huwa kkommetta frodi b'ghemil qarrieqi pero' minn analizi tac-citazzjoni ma gie msemmi had bhala allegat

vittma. Referenza ssir ghall-artikolu 360 (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fejn jelenka dak li jrid ikun fiha c-citazzjoni fosthom, il-'fatti tal-akkuza'. F'dan il-kaz stante li l-allegat vittma huwa prezenti biss fic-citazzjoni fin-nuqqas tieghu, l-esponenti jhoss li ma giex sodisfatt dan l-element fic-citazzjoni u allura l-appellant kellu jigi lliberat minn din l-akkuza. Di fatti jekk wiehed jara l-andament tal-kawza, wiehed jista' jassumi biss li prosekuzzjoni qieghda tirreferi ghal Philip Attard bhala l-vittma ghax dan qatt ma ghamel rapport mal-Pulizija ta' frodi jew li huwa kien sofra xi hsara minghand l-appellant;

Illi bla pregudizzju ghal dak li se jintqal aktar l-istess, jekk kellha tinstab xi forma ta' htija, zgur ma kinitx that l-artikolu 308 tal-Kap 9 u dan peress li jekk gie kommess xi reat l-prosekuzzjoni kellha takkuza lill-appellant jew bl-approprjazzjoni indebita that l-artiklu 293 tal-Kap 9 jew aktar bil-ksur tar-regolament 61 (c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499/09 fl-isfond tad-detami *Lex specialis derogate lex generalis*;

Illi l-esponenti jissottometti wkoll bl-akbar rispett u dan bla pregudizzju wkoll ghall-aggravji mressqa hawn fuq, li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx issib lill-appellant hati ta' attentat ta' frodi jekk il-frodi skont hi kien digà kommess. Dan qed jintqal peress li dak li allegat il-prosekuzzjoni kien attentat ta' frodi. Il-Qorti tal-Magistrati però ma qablitx ma' dan u stqarret li **<u>jekk kien hemm ir-reat ta' frodi</u>** dan avvera ruhu mal-mument li c-cekk ta' hames mitt ewro ghadda minghand Philip Attard ghal idejn l-appellant. Fuq l-istess vena legalment isegwi li pero' l-istess Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati ta' tentattiv ta' frodi jekk skont hi l-frodi kien digà mmaterjalizza ruhu. Il-principju legali mhaddan mill-Qrati Nostrana dejjem kien li il-piu' comprende il meno u mhux bil-kontra;

Bla pregudizzju wkoll, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta' htija fuq l-ewwel akkuza u dan peress li l-intenzjoni tal-appellant, ossija l-element tad-dolo li ried iqarraq b'Philip Attard ma giex ippruvata;

Illi fil-mori tal-kawza gie ppruvat b'mod sufficjenti li l-appellant qatt ma talab l-ebda kumpens la sabiex l-istudenti juzaw is-simulator tieghu u lanqas ghall-ghajnuna li huwa kien qieghed jipprovdi lilhom. Il-kaz ta' Philip Attard ma kienx xi eccezzjoni ghal dan;

Illi l-aktar prova inkonfutabbli huwa l-pagament li sar permezz ta' cekk bankarju ta' hames mitt ewro (€500). Bl-ebda mod immaginabbli mal-Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li dan ittiehed b'qerq. Anzi gie ppruvat li kors li ried japplika ghalih Attard kien jiswa ferm aktar minn dak li kien hallas. Gie ppruvat ukoll li d-dokumenti mghoddija minn l-appellant lil Philip Attard kienu wkoll genwini u gie ppruvat ukoll li l-applikazzjoni tal-awtorita' tat-trasport kienet il-formola li biha trid tapplika ghal dan il-kors. Ghalhekk kollox kien jindika li l-pagament kien se jintuza ghal dan il-kors. Ghalhekk kollox kien jindika li l-pagament kien se jintuza ghall-ghan li gie moghti. Kien biss minhabba li Attard talab lill-appellant sabiex iwaqqaf kollox, li l-appellant ma uzax dan il-pagament ghal dak li kien mistenni minnu li jaghmel;

Tant l-appellant ma kellux l-intenzjoni li jiffroda lil Attard li l-imsemmi cekk dam fil-pussess tieghu ghal aktar minn tliet gimghat minghajr tentattiv wiehed sabiex jigi msarraf. Il-verita' kienet li l-appellant kien qed jistenna lil Attard imur lura bid-dokument ta' Transport Malta sabiex japplikalu ghall-kors u meta Attard bidel il-hsieb, ma sab l-ebda xkiel sabiex jiehu c-cekk lura minghand l-appellant;

Illi dan ma hux l-agir ta' frodist. Min jiffroda ma jirritornax il-flus lura sakemmm ma jkunx irid jibbenefika minn xi tnaqqis fil-piena ladarba jinqabad. F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda prova li l-appellant prova jaghmel xi tip ta' gwadan fuq dahar Attard u tali zgur ma hux konformi mad-dolo ta' xi had li jrid jiffroda lil haddiehor. Di fatti l-investigazzjonijiet tal-Pulizija bdew fuq rikjesta li saret mid-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili illi l-appellant kien qed jallega li huwa kaptan tal-Air Malta u mhux fuq frodi;

Tajjeb li jintqal ukoll f'dan l-istadju li l-gideb wahdu ma hux reat u li s-semplici gidba ma jammontax ghar-ragiri. Dan qed jintqal biss peress li n-nuqqas tal-appellanti li jghid li ma kienx kaptan jew forsi meta mistoqsi huwa qal li kien kaptan, dan il-fatt wahdu biss xorta ma jissodisfax l-elementi tal-artikolu 308. Il-fatt wahdu illi l-appellant seta' gideb ma jfissirx li huwa kkommetta frodi. Irid jigi ppruvat li l-gidba tal-appellant wasslet sabiex il-vittma sofriet telf patrimonjali. Dan fil-fehma umli tal-appellant ma giex ippruvat u dan peress li Attard ma sofra l-ebda telf partimonjali u c-cekk li huwa ta lill-appellant kien se jintuza ghall-ghan li huwa gie moghdi;

Finalment l-appellant isostni li fil-kamp kriminali l-principju legali sagrosant huwa dejjem dak ta' in dubio pro reo. Jidher pero' li l-Ewwel Qorti ma applikatx dan il-principju f'dan il-kaz ghax filwaqt li hija kkoncediet li l-appellant ghamel hafna gid mal-istudenti kollha li ttellghu jixhdu f'din il-kawza, ghajr ghall-allegat cekk in kwistjoni u rrizultax li l-appellant qatt talab xi flus lil dawn l-istudenti. Dan il-fatt wahdu kien bizzejjed li johloq dubju serju f'dan il-kaz li kellu ixekkel it-tezi tal-prosekuzzjoni. L-appellant seta' gideb pero' huwa ma gidibx sabiex jaghmel gwadan patrimonjali. Jekk gideb, huwa ma gidibx fuq l-ghajnuna li kien se jaghti lil Attard stante li l-ghajnuna kienet se tigi moghtija. Ir-rejita f'dan il-kaz kienet dubjuza.

Rat il-verbal tal-partijeit registrat fl-atti u dan fis-seduta tas-16 ta' Lulju, 2019 fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti taghti sentenza dwar l–ewwel aggravju tal-appellant li hija dik ta' natura preliminari dwar jekk ic-citazzjoni moghtija fil-konfront tal-appellant tissodisfax l-elementi kif preskritti fl-artikolu 360 (2) tal-kodici kriminali peress li l-komparixxi odjerna fil-fehma tal-appellant ma fihiex '*il-fatti tal-akkuza*' u l-vitma tal-allegat kaz ma hux imsemmi fic-citazzjoni . Fil-fatt l-appellant jsitqar li wiehed jista' jassumi biss li l-prosekuzzjoni qieghda tirreferi ghal persuna ta' Philip Attard bhala l-vittma ghax dan qatt ma ghamel rapport mal-pulizija ta' frodi jew li huwa kien sofra xi hsara minghand l-appellant.

Semghet lill-partijiet jittrataw dan l-aggravju fis-seduta tas-16 ta' Lulju, 2019 .

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Minn dan huwa evidenti illi l-appellant ghandu l-ewwel aggravju tieghu ibbazat fuq l-import tal-artikolu 360 (2) l-kodici Kriminali, cioe` li fic-citazzjoni m'hemmx il-fatti tal-akkuza fil-qosor' u ma hemmx indikat min kien l-allegat vitma ta' dan il-kaz u cioe min sofra l-pregudizzju necessarju ghall-esistenza tar-reat ta' frodi .

L-**artikolu 360(2) tal-Kap. 9** tal-Ligjiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."*

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens lic-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** [1], intqal:

*"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minfloka jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni*

[1] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar il -25 ta' Lulju 1994.

*principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet I1- Pulizija vs Noel Zarb Adami*)."

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg**[2]:

*"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu indikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita` u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.*

.....

*Dan kollu premess ifisser lic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik iccitazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

Is-**subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali** jirrikjedi biss lic-citazzjoni jkun fiha l-fatti tal-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** [3] minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

*"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Zahra** [4] l-appellant kien ecepixxa n-nullita' tac-citazzjoni għaliex l-imputazzjonijiet kienu vagi u fihom certa dettalji nieqsa fosthom

---

[2] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar il -4 ta' Novembru, 1994.
[3] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar it-18 ta' Novembru 1994.

indikazzjoni taż-żmien, pero din il-Qorti (diversament preseduta) interpretat dan l-artikolu bil-mod li gej :

*'L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh.*

*Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374,375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-Prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh.*

*Mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c-"cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l-appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu.'*

---

[4] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar it-18 ta' April 2011.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Duncan Cefai**[5]

Il-Qorti trattat dan l-aggravju u ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Brian Camilleri*** [6] *fejn stqarret li l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jirregola c-citazzjoni, ossia l-ordni bil-miktub li biha titharrek persuna imputata ta' reat. "Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.". Kif kostantement deciz mill-Qrati taghna, dak li hu rikjest mill-prosekuzzjoni fit-tnedija tac-citazzjoni hu li tindika fiha l-fatti li dwarhom l-imputat hu mitlub jidher quddiem il-Qorti fid-data u hin indikati. Dawn il-fatti naturalment iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun imputata, igifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed ikun akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb (**Il-Pulizija vs Philip Schembri** App Krim 18.11.1994). Jibqa' biex ikun konsiderat imbaghad jekk dawk il-fatti kif migjuba fic-citazzjoni jammontawx ghal xi reat jew reati ohra (**Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** (App Krim 13.1.1995). Jizdied ma' dan ukoll li ic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skoretti tal-fatti (**Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg** App Krim 4.11.1994). Fis-sentenza l-ahhar citata, din il-Qorti wara li ccitat id-dibatti fil-Kunsill Tal-Gvern dwar l-origini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, rriteniet illi "ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghhom jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien". Il-mankanza tal-indikazzjoni tan-numru ta' registrazzjoni tad-dghajsa fil-kaz hawn devolut ma jirraviza ebda nullita' tac-citazzjoni u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;*

Mill-process odjern jirriżulta wkoll li nstemgħu l-provi viva voce u gew registrati u għalhekk l-appellant seta' jifhem x'kien l-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Di piu dan ma kienx xi kaz ta kawza sommarja li kienet qed tinstema f'seduta wahda izda hija

[5] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar l-14 ta April 2016
[6] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar l-4 ta April 2016

kawza li damet pendent quddiem din il-Qorti ghal iktar minn sentejn u ghalhekk zgur li wara dan iz-zmien kollu u wara li semgha ix xhieda imresqa mill-proesekuzzjoni kien jaf ghal xiex kien qed jigi akkuzat tant li anke difiza hejja l-avukat tieghu.

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikat isem l-allegat vittma u forsi ma hemmx l-fatti fil-qosor li wasslu ghall-hrug tal-akkuzi pero dawn in-nuqqasijiet ma jrendux c-citazzjoni nulla. Il-fatti kollha kif imsemmijin fic-citazzjoni juru b'mod car ir-reat li tieghu l-appellant gie imputat, b'hekk li meta deher quddiem l-ewwel Qorti kien jaf ta' liema reat huwa kien qieghed jigi akkuzat. Waqt is-smiegh tal-provi imbaghad irrizulta min kien l-allegat vittma u cioe Philip Attard u x'kienu l-fatti tal-kaz imputat lilu.  Konsegwentement dan l-aggravju ma hux qed jigi milqugh.

Konsegwentement il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-appell.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur